# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Numru 2261

Kaz Nru: 3090 / ET

Fil-kwistjoni tax-xoghol bejn

Paul Thomas McKenna

u

deVere & Partners Holding Ltd

Illum: 16 ta' Jannar, 2014

*Dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta.*

CHAIRMAN: Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip. Mgt

## Introduzzjoni

Dan il-kaz gie ntavolat permezz ta' rikors mill-Avukat Dr. Ian Spiteri Bailey f'ísem ir-rikorrent Paul Thomas McKenna fejn gie allegat li s-socjeta' ntimata tterminat l-impjieg tar-rikorrent minghajr raguni valida fis-6 ta' Awissu 2012, meta l-perjodu ta' prova kien skada fil-5 ta' Awissu 2012, u li t-terminazzjoni kienet wahda illecita u llegali u ghaldaqstant ir-rikorrent ghandu jinghata kumpens xieraq u gust.

Da parti taghha, is-socjeta' ntimata ddikjarat li r-rikorrent, li kien gie mpjegat bhala *Accounts Manager* fis-6 ta' Frar, 2012, gie tterminat fit-terminu tal-perjodu ta' prova fejn ma hijex mehtiega kawza gusta u gustifikabbli. Madankollu s-socjeta' kompliet tiddikjara li t-terminazzjoni tal-impieg giet motivata u bbazata fuq ragunijiet, konsiderazzjonijiet u cirkostanzi li huma ragonevoli, gusti u sostenibbli. It-terminazzjoni giet komunikata mis-socjeta' lir-rikorrent nhar is-6 ta' Awissu 2012 stess.

**Fatti**

Is-Socjeta' ntimata mpjegat lir-rikorrent bhala *Accounts Manager* nhar is-6 ta' Frar 2012 fuq kuntratt indefinit b'perjodu ta' sitt (6) xhur ta' prova.

Is-Socjeta' ntimata temmet l-impjieg tar-rikorrent nhar is-6 ta' Awissu 2012, bla ma taghat raguni, ghaliex skond is-socjeta', r-rikorrent kien ghadu waqt it-terminu ta' prova.

It-terminazzjoni saret nhar is-6 ta' Awissu 2012 stess u giet komunikata lir-rikorrent mid-direttrici tas-socjeta' ntimata Ms. Beverley Yeomans fil-prezenza ta' l-assistenta personali taghha Ms Sarah Sammut.

Is-Socjeta' ntimata fid-dikjarazzjoni taghha tenniet ukoll li r-rikorrent gie terminat ukoll ghal ragunijiet diversi li jirrigwardjaw nuqqasijiet diversi waqt l-impjieg.

Ir-rikorrent sostna li r-raguni unika kienet li skond is-socjeta', l-impjieg gie terminat waqt iz-zmien ta' prova liema zmien kien ghadda b'gurnata ghaliex skond ir-rikorrent z-zmien ta' prova spicca nhar l-5 ta' Awissu 2012 u mhux fis-6 ta' Awissu 2012.

**Provi**

F'dawn il-proceduri xehed ir-rikorrent kif ukoll gew pprezentati avvidavits minn Beverley Yeomans, Sarah Sammut, Janet Cancio, Astrid Camileri u Roberta Mifsud flimkien ma dokumenti relatati.

**Konsiderazzjonijiet**

It-Tribunal f'dan il-kaz ghandu biex jikkunsidra jekk it-terminazzjoni tar-rikorrent mis-socjeta' ntimata saritx waqt iz-zmien ta' prova li kien ta' sitt (6) xhur minn meta beda l-impjieg fis-6 ta' Frar 2012. Kif imsemmi qabel it-terminazzjoni saret fis-6 ta' Awissu 2012.

It-Tribunal irid jimxi mal-fatti u allura mhux se jidhol fuq l-andament tax-xoghol tar-rikorrent vis a vis is-socjeta' ta matul l-impjieg, ghaliex ir-raguni ta' terminazzjoni kien li l-impjieg gie mwaqqaf matul iz-zmien ta' prova li skond il-ligi m'hemmx ghalfejn kawza gusta.

Ghaldaqstant il-kaz hu wiehed tekniku li jirrigwardja jekk id-data tas-6 ta' Awissu 2012, kienetx l-ahhar gurnata ta' prova jew le.

It-Tribunal ifakkar li r-rikorrent gie mpjegat fis-6 ta' Frar 2012 fuq kuntratt indefinite b' sitt (6) xhur prova.

L-Avvidavits ipprezentati kienu kollha jirreferu ghal l-imgieba, l-prestazzjoni u t-trattament tal-haddiema mir-rikorrent matul l-perjodu tax-xoghol. Dawn gew notati mit-Tribunal izda mhumiex relevant ghad decizjoni finali kif gie spjegat qabel.

Fl-unika xhieda tar-rikorrent dan spjega d-dettalji tal-kuntratt ta' impjieg tieghu mas-socjeta' ntimata u kkonferma li fis-6 ta' Awissu 2012 gie maghjjat minn Beverly Newmans biex ihalli l-ufficju minghajr spjegazzjoni. Ikkonferma ukoll illi ghal diversi gimghat baqa bla raguni tali li *'termination form'* ta' l-ETC ma kienetx intbaghtet l-ETC mis-socjeta ntimata. Illi l-ETC talbu lir-rikorrent biex jaghmel avvidavit ma l-ETC biex ikunu jistghu jirregistraw it-terminazzjoni ta' l-impjieg. Kompla jikkonferma t-talba tieghu li l-perjodu ta' prova ghalaq fil-5 ta' Awissu 2012 mentri s-socjeta' sostniet is-6 ta' Awissu 2012 li hija d-data tat-terminazzjoni. Ir-rikorrent ikkonferma ukoll li d-data tas-6 ta' Awissu 2012 kienet il-bidu tas-sebgha (7) xahar ta' xoghol tieghu mal-kumpanija u ghaldaqstant din kienet tigi ezatt wara l-ghalaq iz-zmien ta' prova. Dawn il-konfermi kienu gew iddikjarati mir-rikorrent u gew konfermati fis-seduta meta mistoqsi minn Dr Spiteri Bailey.

Ir-rikorrent kompla x-xhieda tieghu b'referenzi ghad-data tal-5 ta' Awissu 2012 bhala l-ahhar gurnata taz-zmien ta' prova u xi dettalji ohra fuq l-andament tax-xoghol tieghu.

Il-kontro-ezami ma sarx.

Fit-trattazzjoni finali r-rikorrent sostna li fis-6 ta' Awissu 2012 iz-zmien ta' prova kien skada u li l-ahhar gurnata ta' prova kienet il-5 ta' Awissu 2012. Ir-rikorrent ghamel l-analogija ta' eghluq iz-zmien ta' persuna. Ir-rikorrent kompli jsostni li ghaldaqstant it-terminazzjoni ta' l-impjieg waqt iz-zmien ta' prova ma kienetx wahda sufficjenti fil-ligi u allura s-socjeta' ntimata kienet zbaljata illi tterminat l-impjieg ghar-raguni ta' waqt iz-zmien ta' prova.

Fit-trattazzjoni finali taghha s-socjeta' sostniet li s-6 ta'Awissu 2012 kienet l-ahhar gurnata ta' prova u allura l-impjieg gie terminat waqt iz-zmien ta' prova fejn m'hemmx il-htiega ta' kawza gusta. Is-socjeta' ghamlet l-analogija ta *'calendar month'* u ghaldaqstant ma kienx hemm qbil ma dak li sostna r-rikorrent.

Is-socjeta' ntimata ukoll insistiet li oltre l-kwistjoni teknika dwar id-data ta' terminazzjoni kien hemm diversi ragunijiet bizzejjed biex is-socjeta tittermina l-impjieg fuq il-bazi tal-prestazzjoni generali negattiva tar-rikorrent.

Dan permess, it-Tribunal jikkonsidra li :

Mil-fatti, provi u d-dokumentazzjoni esebita t-Tribunal, wara li studja bir-reqqa l-kwistjoni teknika nvoluta, jaghraf li l-5 ta' Awissu 2012 kienet l-ahhar gurnata taz-zmien ta' prova relatata ma kuntratt tax-xoghol indefinit li beda fis-6 ta'Frar 2012 b'sitt (6) xhur zmien ta' prova. Is-6 ta' Awissu 2012 kienet il-bidu tas-sebgha (7) xaghar ta' xoghol. Ghaldaqstant it-terminazzjoni saret ezatt wara li ghadda z-zmien ta' prova.

Il-prassi professjonali titlob li is-socjeta' ntimata, jekk hasset li kellha twaqqaf mill-impjieg lir-rikorrent fiz-zmien ta' prova ghal ragunijet taghha, ma kelliex ghalfejn tistenna biex taghmel dan fis-6 ta' Awissu 2012. Is-Socjeta' naqset ukoll li taghti gimgha notice skond il-ligi li tapplika fuq zmien ta' prova ta' sitt (6) xhur.

**Decizjoni**

Mehuda in-konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, it-Tribunal qieghed jiddeciedi li t-terminazzjoni ta' l-impjieg kienet wahda ngusta u li hemm lok li r-rrikorrent jinghata kumpens.

Il-kumpens qed jigi stabbilit fl-ammont ta' tlett elef euro (€3,000.00), liema kumpens ghandu jithallas mis-socjeta' ntimata lir-rikorrent fi zmien xahar mid-data ta' din id-decizjoni.

Ghal-finijiet tal-kap 452 tal-ligijet ta' Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Iffirmat: **Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip.Mgt**
**Chairman**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**
**A/Segretarja**